QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 4 TA' MEJJU 2001

Avviz Nru:- 1258/97DM

Pauline Micallef illum mizzewga Gravina

vs

George Sammut

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attrici ghall-kundanna tal-konvenut biex ihallas is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti bhala dovuta lill-attrici in linea ta' danni minnha sofferti fil-vettura taghha tal-marka Suzuki numru IAR 687 (qabel L-5877), bhala rizultat tal-kollizzjoni li grat fl-10 t'April 1995, fis-7am, fi Triq il-Fiddien, limiti tar-Rabat, meta l-konvenut baqa diehel minn wara, bil-"pick-up truck" tal-marka Toyota, numru V-0477, gol-imsemmija vettura taghha, li dak il-hin kienet miexja fid-direzzjoni tar-Rabat, u dana prevja d-dikjarazzjoni li l-kollizzjoni in kwistjoni grat unikament tort tal-konvenut, minhabba speed eccessiv, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku. Bl-imghax mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Frar 1997, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni. Ghall-finijiet tal-kompetenza gie dikjarat li l-ammont involut ma jeccedix l-elf lira Maltin (LM1000).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1 Illi fl-ewwel lok it-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2158 tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2 Illi subordinarjament u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni. l-incident tat-traffiku meritu ta' dan l-avviz ma garax tort tieghu, izda gara unikament tort u htija tal-attrici li naqqset milli tosserva r-regolamenti tat-traffiku, u dana kif sejjer jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3 Illi stante li dan l-incident ma garax tort tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-attrici in linea ta' danni, liema danni f'kwalunkwe kaz huma ezagerati.

4 Salve eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta Mejju 1998 fejn il-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni minnhu sollevata;

Rat l-istess verbal fejn il-konvenut iddikjara li mhux qed jikkontesta l-'quantum' tad-danni fis-somma ta LM580.61 li qed tippretendi l-attrici;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Biex tista tigi determinata il-kwistjoni dwar ir-responsabilita' huwa indispensabbli li qabel xejn tigi determinata ir-relazzjoni tat-toroq involuti ma xulxin.

Ghalkemm l-attrici ppruvat illi t-triq li tghati ghall-Bahrija u minn fejn kienet provenjenti hija wisq iktar traffikuza mit-triq li minnha kien gej il-konvenut u li dik it-triq taqdi numru hafna iktar ta residenti fl-irhula li sservi, il-konfigurazzjoni tat-toroq tindika li t-triq ghall-Imtahleb tista tigi meqjusa bhala prolungament tat-triq principali, Triq Fiddien, bi triq mill-Bahrija tifforma T-Junction mat-triq principali.

Izda, billi l-prolungament ta Fiddien Road ghall-Imtahleb hija ghad-dritt u, kif jidher mill-isketch, it-triq mill-Bahrija hija l-idjaq wahda, huwa iktar opportun li l-prolungament ta Fiddien Road ghall-Imtahleb jitqies bhala t-triq principali fil-konfront tat-triq ghall-Bahrija minn fejn kienet hierga l-attrici.

B'dan pero' illi stante il-wisgha ta Fiddien Road fejn tisbokka t-triq tal-Bahrija u l-uzu iktra frekwenti tal-istess triq, it-traffiku provenjenti mill-Imtahleb huwa obbligat li juza kawtela partikolari meta javvicina fejn tisbokka t-triq mill-Bahrija.

Ghalhekk jirrizulta li kien jinkombi fuq l-attrici li qabel ma tipprocedi ghall-Fiddien Road, hija kellha tieqaf u tesplora fuq il-lemin taghha.  Mill-provi jirrizulta li l-attrici hadet dawn il-prekawzjonijiet u fil-fatt innotat lill-konvenut qed javvicina lejha izda kkalkolat li kellha bizzejjed distanza biex taqbad it-triq principali qabel ma jasal il-konvenut.

Pero' il-kollizzjoni rizultanti mal-konvenut tindika li l-kalkolu tal-attrici kien wiehed zbaljat u l-manuvra taghha kienet tiddependi fuq it-tnaqqis tal-velocita' tal-konvenut biex tirnexxi.

Ghalhekk l-attrici definitivament ikkontribwiet ghall-kollizzjoni li grat minhabba li nvadiet il-karreggjata tal-konvenut.

Izda l-konvenut, minn-naha tieghu, kien obbligat li javvicina fejn tisbokka it-triq mill-Bahrija b'kawtela u joqghod attent ghal xi traffiku minn hemm provenjenti. Dan mhux biss ma ghamlux izda l-konvenut baqa jsuq bl-istess rittmu u, kif xehed, naqas ukoll li jinnota l-presenza tal-attrici meta l-konfigurazzjoni tat-toroq kienet toffrilhu vizwali tajba.

Dan ghalhekk jindika li anke l-konvenut ghadu jitqies risponsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni u tiddikjara li r-risponsabilita' ghall-kollizzjoni ghandha tigi maqsuma egwalment bejn il-kontendenti, nofs kull parti.

Ghaldaqstant il-konvenut huwa tenut li jhallas lill-attrici nofs id-danni minnha sofferti u billi d-danni gew likwidati fis-somma komplessiva ta LM580.61 qedgha tilqa t-talba attrici limitatament billi tiddikjara lill-konvenut risponsabbli ghall-kollizzjoni 'de quo' fi grad ta nofs u tikkundannah li jhallas lill-attrici is-somma ta mitejn u disghin liri maltin, tletin centezmi u hames millezmi (LM290.30,5) in linea ta danni, bl-imghax legali b'effett mil-lum.

Bl-ispejjes bin-nofs.

………………………………….
Magt Dr D Montebello BA LLD

S. Farrugia
Dep / Reg
civil 16